Parroċċa Qalb bla tebgħa ta' Marija

Burmarrad

N°: 38/17

**AVVIŻI**

**17 ta' Settembru 2017**

Il-Ġabra tal-lum tmur għall-ħtiġijiet tal-Knisja fl-Art Imqaddsa skont drawwa antika li l-insara madwar id-dinja jgħinu lill-insara tal-art ta' Ġesù biex u jsostnuhom fil-ħtiġijiet tal-Knisja ta' Ġerusalemm.

~~~~~~~~~~~~~~~

Nhar il-Tnejn 18 ta' Settembru, Festa ta' San Ġużepp ta' Copertino, il-patrun tal-istudenti, fis-7pm ssir quddiesa bis-sehem tat-tfal li fiha jitbierku l-basktijiet tal-iskola u jingħata ċ-ċertifikat lil dawk li rċevew is-Sagrament tal-Griżma tal-Isqof.

Nhar it-Tlieta 19 u l-Ġimgħa 22 ta' Settembru bejn il-5pm u s-6pm sa jkun miftuħ il-MUSEUM biex jinkitbu t-tfal għall-ewwel sena tal-katekeżi. Min sa jikteb lil uliedu għandu jieħu miegħu ċertifikat oriġinali tal-magħmudija jekk mhux mgħammed fil-parroċċa tagħna.
Il-laqgħat ta' katekeżi fil-MUSEUM jibdew nhar it-Tlieta 3 ta' Ottubru.

Inħeġġu lil dawk li jixtiequ li l-festi li niċċelebraw fil-parroċċa tagħna jkunu isbaħ u aktar parteċipattivi biex jidħlu fil-Kumitat tal-Festa li jibda jiltaqa' fl-aħħar ta' dan ix-xahar. Nistiednu lill-irġiel u nisa tal-parroċċa tagħna biex jagħtu sehemhom biex il-parroċċa tagħna tkun aktar ħajja, kulħadd skont ma jaf u jista'. Min hu interessat ikellem lill-kappillan.

*Għal aktar tagħrif żur is-sit:* www.parroccaburmarrad.com
~~~~~~~~~~~~~~~